MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2012

Talba Numru. 442/2010

**Iced Products (Marketing) Limited [C-44386]**

**Vs**

**Mario CINI [ID. Nru. 320660M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fl-24 ta' Marzu, 2010** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand l-intimat, tas-somma ta' elfejn erba' mija wiehed u sittin euro u disgha u erbghin centezmi ta' euro [€2461.49c] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Is-socjeta attrici titlob lil dana t-Tribunal jikkundanna l-konvenut ihallasha l-ammont imsemmi rapprezentanti prezz dovut minnhu in kwantu ghal-prodotti mibjughin lilu mill-attrici fuq ordni tieghu stess.

Bl-imghax u l-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali 7203/09".

Ra **r-risposta tal-intimat** minnu mressqa fl-20 ta' April, 2010 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tas-socjeta rikorrenti:

“It-talba attrici hija esagerata u kif dedotta ma hix dovuta.

L-ispejjez u l-imghax ma hux dovuti peress illi l-atturi qatt ma nfurmaw lill-konvenut b'invoice tal-bilanc dovut lilhom.

Bl-ispejjez tal-prezenti”

Ra l-verbal tal-lum stess fejn l-Avukat Dottor Adrian Camilleri rrileva li l-bilanc attwali dovut lis-socjeta rikorrenti huwa ta' erba' mija u hdax-il euro u disgha u hamsin centezmu ta' euro [€411.59] u dan skond *statement* li kien ghadu kif ipprezenta l-intimat.

Ra n-nota ta' riduzzjoni mressqa mis-socjeta rikorrenti.

Ra n-nota ta' ammissjoni ta' l-intimat ghall-ammont ta' erba' mija u hdax-il euro u disgha u hamsin centezmu ta' euro [€411.59].

Semgha lil intimat Mario Cini llum stess ighid li “*jiena qieghed naqbel li ghandi naghti s-somma ta' erbgha mija u hdax-il ewro u disgha u hamsin centezmi ta' ewro [€411.59] lis-socjeta rikorrenti*”.

Ra l-atti;

In vista ta' l-ammissjoni ta' l-intimat, it-Tribunal ma ghandux triq ohra ghajr li jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif ridotta bin-nota taghha datata 11 ta' Dicembru, 2012 u konsegwentement jiddikjara li l-intimat ghandu jaghti lis-socjeta rikorrenti s-somma ridotta ta' erba' mija u hdax-il euro u disgha u hamsin centezmu ta' euro [€411.59].

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi din it-talba billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimat in vista ta' l-ammissjoni tieghu, qieghed jilqa t-talba tas-

socjeta rikorrenti limitatament ghall-ammont ta’ erba’ mija u hdax-il euro u disgha u hamsin centezmu ta’ euro [€411.59] u konsegwentement jikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta’ erba’ mija u hdax-il euro u disgha u hamsin centezmu ta’ euro [€411.59] bl-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjez huma kollha a karigu ta’ l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------